# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**Blasio Buttigieg**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Blasio Buttigieg**, karta tal-identita bin-numru 11969G fejn ġie mixli talli f'dawn il-Gżejjer, fis-7 ta' Novembru 2013 għall-ħabta tal-ħamsa ta' fil-għaxija u jew fil-ħinijiet ta' wara :

1. dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil ibnu Etienne Buttigieg jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'perikolu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. bil-ħsieb li jagħmel delitt u ċjoe tentattiv ta' ferita gravi wera' dan il-ħsieb b'atti eterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni u indipendenti mill-volonta' tiegħu (*sic!*);

3. ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' ibnu Etienne Buttigieg skont kif iċċertifikat minn Dr. M. Spiteri mill-Isptar Mater Dei;
4. saq vettura numru tar-reġistrazzjoni IBP 128 tal-marka BMW ta' kulur griż, b'manjiera perikoluża u traskurata;
5. talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);
6. li biex tipprovdi għas-sigurta' tal-minuri Etienne Buttiegieg toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat;
7. tikkundannah, fil-każ ta' sejbien ta' ħtija għall-ħlas tal-ispejjeż kollha maħtura f'dawn il-proċeduri.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat li matul is-seduta tad-9 ta' Novembru 2013 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat bil-ġurament tagħha l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tal-imputat filwaqt li matul il-kors tal-eżami tal-imputat, l-istess imputat wieġeb li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet il-provi prodotti;

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata 24 ta' Frar 2014, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront ta' **Blasio Buttigieg** fl-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 214, 215, 216(a)(i)(ii)(iii), 221(1), 222(1)(a), 202(h)(iii), 382A, 383, 384, 386, 412C u

533 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputat hawn fuq imsemmi sabiex jigi ġġudikat minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul l-udjenza tat-23 ta' Ġunju 2014 l-Uffiċjal Prosekutur kienet iddikjarat li l-Prosekuzzjoni m'għandhiex aktar provi x'tipproduċi f'dan il-każ;

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputat, staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi l-provi prodotti f'dan il-każ huma estensivi u jirreletaw għal dak li seħħ dakinhar tal-allegat inċident u għal dak li seħħ wara.  Il-Qorti għarblet il-provi kollha f'dan il-każ li jinsabu kollha traskritti.

Il-punt kruċjali li din il-Qorti ħasset li kellu jiġi mistħarreġ jitnissel mill-fatt li l-allegata vitma Etienne Buttigieg, ħuh Josef Buttigieg u ommhom Silvana Buttigieg ċjoe ulied u mart l-imputat – it-tlieta li huma - matul is-seduta tal-20 ta' Novembru 2013, wara li l-Qorti spjegatilhom id-drittijiet tagħhom skont il-Liġi fir-rigward tax-xiehda li huma kienu msejħa li jagħtu kienu talbu lil Qorti minħabba l-grad ta' qrubija bejnhom u l-imputat sabiex jiġu eżentati milli jixhdu. Minħabba l-grad ta' qrubija bejn dawn il-persuni u l-imputat, il-fatt li jgħixu taħt l-istess saqaf, kif ukoll li wrew xewqa soda li ma riedux li jixhdu kontra tal-imputat, il-Qorti eżentathom milli jixhdu.

Inoltre, Etienne Buttigieg iddikjara u talab lil Qorti sabiex twaqqaf dan il-każ kontra tal-imputat missieru. Il-Qorti rat li dan il-każ kien wieħed li jissubentra fil-parametri tat-tifsira ta' vjolenza domestika u għalhekk kien hemm ukoll lok li jiġi applikat il-proviso tal-Artikolu 543 tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward tal-ewwel tliet imputazzjonijiet. Fil-fatt il-Qorti ordnat it-tkomplija tal-proċeduri minkejja t-talba li saret mill-allegat vitma sabiex tara xi provi oħra kellha l-prosekuzzjoni li in bażi tagħhom setgħet tipprova l-każ tagħha lil hinn minn din ix-xiehda mankata.

***Ikkunsidrat : -***

Illi dan wassal lill-Qorti biex tifli l-provi li ġew prodotti. Għalkemm verament jidher li seħħ inċident bejn l-imputat u Etienne Buttigieg, jidher ukoll li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet waħda imqanqla. Il-pern tal-kwistjoni pero jibqa' jekk in bażi għax-xiehda prodotti tistax din

il-Qorti serenament tgħid li l-każ tal-prosekuzzjoni ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

Il-Qorti ma kellhiex il-benefiċċju li tara lil Etienne Buttigieg jixhed minħabba r-raġunijiet espressi minnu aktar il-fuq imsemmija. Verament li kien hemm ir-relazzjoni tal-espert tekniku Joseph M. Azzopardi li ġabar ix-xiehda tal-minuri wkoll. Biss din ix-xiehda trid tiġi wkoll moqrija fid-dawl tal-kumplament tax-xiehda li tresqu. Jirriżulta li f'dan il-każ kien hemm xiehda konfliġġenti sew dwar kif allegatament seħħ l-inċident. Tista' tgħid li l-Prosekuzzjoni, in bażi għal provi legalment ammissibbli waslet li tipprova l-każ tagħha sal-grad tal-probabbli.

In definittiva, din il-Qorti tqis li l-grad ta' prova rikjest mill-prosekuzzjoni f'dan il-każ ma ntlaħaqx u konsegwentement ma tistax tasal biex tiddikjara lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

***DECIDE***

illi wara li rat l-Artikoli ċitati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu hawn fuq imsemmija u ċjoe fl-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 214, 215, 216(a)(i)(ii)(iii), 221(1), 222(1)(a), 202(h)(iii), 382A, 383, 384, 386, 412C u 533 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti qegħdha ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu

stante li dawn ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum 21 t'Ottubru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***